REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/55

tad-9 ta' Novembru 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 fir-rigward taż-żieda ta' mudell ġdid ta' ċertifikat għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti ungulati li joriġinaw mill-Unjoni, jiġu mċaqilqa lejn pajjiż terz jew territorju għall-parteċipazzjoni tagħhom f'avvenimenti, f'eżibizzjonijiet, f'wirjiet u f'shows u mbagħad jiġu mċaqilqa lura lejn l-Unjoni, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' ungulati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u partikolarment l-Artikoli 230(1), 238(3) u 239(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 90, l-ewwel paragrafu, il-punti (a) u (e), u l-Artikolu 126(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi regoli dwar mard tal-annimali li huwa trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin, inklużi rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali tas-saħħa tal-annimali għal diversi movimenti ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali u rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali. Dawk ir-rekwiżiti relatati mad-dħul fl-Unjoni huma speċifikati aktar fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([3]).

(2) L-Artikolu 239(2)(a)(iv) tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi l-possibbiltà li l-Kummissjoni tadotta regoli speċjali rigward derogi mir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali li joriġinaw fl-Unjoni u li jiġu mċaqilqa lejn pajjiż jew territorju terz u mbagħad jiġu mċaqilqa lura lejn l-Unjoni minn dak il-pajjiż jew territorju terz. Abbażi ta' dak l-Artikolu, l-Artikolu 177 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 ġie emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/54 ([4]) biex jistabbilixxi regoli speċjali għad-dħul ta' ungulati li joriġinaw fl-Unjoni, jiġu mċaqilqa lejn pajjiż terz jew territorju biex jipparteċipaw f'avvenimenti, f'eżibizzjonijiet, f'wirjiet u f'shows (avvenimenti) organizzati barra mill-Unjoni u mbagħad jiġu mċaqilqa lura immedjatament lejn l-Unjoni.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.
([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.
([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).
([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/54 tal-21 ta' Ottubru 2021 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/692 fir-rigward ta' rekwiżiti addizzjonali għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti ungulati li joriġinaw fl-Unjoni, jiġu mċaqilqa lejn pajjiż terz jew territorju biex jipparteċipaw f'avvenimenti, f'eżibizzjonijiet, f'wirjiet u f'shows u mbagħad jiġu mċaqilqa lura lejn l-Unjoni (Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(3) L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/403 ([5]) jistabbilixxi, fost l-oħrajn, il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u d-dikjarazzjonijiet għad-dħul fl-Unjoni u għat-tranżitu mill-Unjoni ta' annimali terrestri. Madankollu, dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni ma jinkludi l-ebda mudell ta' ċertifikat li jakkumpanja l-konsenji ta' ungulati li joriġinaw fl-Unjoni, jiġu mċaqilqa lejn pajjiż terz biex jipparteċipaw f'avvenimenti organizzati barra mill-Unjoni u mbagħad jiġu mċaqilqa lura immedjatament lejn l-Unjoni. F'dak iċ-ċertifikat l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju fejn iseħħ l-avveniment jenħtieġ li tipprovdi l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għal dawn id-dħul speċifiku tal-annimali, previsti fl-Artikolu 177 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 kif emendat. Sabiex jiġi evitat kull tfixkil bla bżonn fil-kummerċ, huwa għalhekk meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 biex jipprevedi dan il-mudell taċ-ċertifikat biex jakkumpanja dawk il-kunsinni.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([6]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom, li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' speċijiet u kategoriji ta' annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. B'mod partikolari, il-Parti 1 tal-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tipprevedi l-lista ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom, awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni tal-ungulati. Il-parti 4 ta' dak l-Anness tipprevedi ċerti garanziji tas-saħħa tal-annimali li jistgħu jiġu assenjati lil ċerti pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom f'konformità mal-Artikolu 237 tar-Regolament (UE) 2016/429. Minħabba r-riskji għas-saħħa tal-annimali li jistgħu jinħolqu mill-movimenti ta' ungulati li joriġinaw fl-Unjoni, trasferiti lejn pajjiż jew territorju terz u mbagħad imċaqalqa lura immedjatament lejn l-Unjoni, il-possibbiltà prevista fl-Artikolu 177 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 għad-dħul ta' tali ungulati lura fl-Unjoni wara l-parteċipazzjoni f'avvenimenti organizzati barra mill-Unjoni jenħtieġ li tkun limitata għal ċerti pajjiżi u territorji terzi li jipprovdu l-garanziji meħtieġa. Din il-possibbiltà għalhekk jenħtieġ li tiġi deskritta bħala garanzija tas-saħħa tal-annimali fil-Parti 4 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 u tkun limitata għal ċerti pajjiżi terzi jew territorji awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' ungulati fil-Parti 1 ta' dak l-Anness.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 u (UE) 2021/404 jiġu emendati skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 14 jiżdied punt ġdid (l) qabel il-punt (k):

"(l) ENTRY-EVENTS imfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fil-Kapitolu 12 tal-Anness II, għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti ungulati li joriġinaw mill-Unjoni, jiġu mċaqilqa lejn pajjiż jew territorju terz għall-parteċipazzjoni tagħhom f'avvenimenti, f'eżibizzjonijiet, f'wirjiet u f'shows u mbagħad jiġu mċaqilqa lura lejn l-Unjoni.";

2. L-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/403 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u tal-prodotti ġerminali tagħhom, iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali fir-rigward ta' tali ċertifikati u li jħassar id-Deċiżjoni 2010/470/UE (ĠU L 113, 31.3.2021, p. 1).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli f'kull Stat Membru.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/403 huwa emendat kif ġej:

1. L-entrata li ġejja tiżdied fit-taqsima għall-ungulati fit-tabella li telenka l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u tad-dikjarazzjonijiet għad-dħul fl-Unjoni u għat-tranżitu mill-Unjoni, wara l-entrata "CAM-CER":

"ENTRY-EVENTS	Kapitolu 12a: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti ungulati li joriġinaw mill-Unjoni, li jiġu mċaqilqa lejn pajjiż jew territorju terz għall-parteċipazzjoni tagħhom f'avvenimenti, f'eżibizzjonijiet, f'wirjiet u f'shows u mbagħad jiġu mċaqilqa lura lejn l-Unjoni"

2. il-Kapitolu 12a li ġej jiddaħħal wara l-Kapitolu 12 u qabel il-Kapitolu 13:

"KAPITOLU 12a

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ĊERTI UNGULATI LI JORIĠINAW MILL-UNJONI, LI JIĠU MĊAQILQA LEJN PAJJIŻ JEW TERRITORJU TERZ GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TAGĦHOM F'AVVENIMENTI, F'EŻIBIZZJONIJIET, F'WIRJIET U F'SHOWS U MBAGĦAD JIĠU MĊAQILQA LURA LEJN L-UNJONI (MUDELL 'ENTRY-EVENTS')

PAJJIŻ					**Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE**		
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.2**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**I.2a** **Referenza tal-IMSOC** **KODIĊI QR**
					I.3	**Awtorità Kompetenti Ċentrali**	
					I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**	
	I.5	**Konsenjatur/Importatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.6**	**Operatur responsabbli għall-kunsinna** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini**	Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni**	Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.8	**Reġjun tal-oriġini**	Kodiċi		**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni**	Kodiċi
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.13	**Post tat-tagħbija**			**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**	
	I.15	**Mezzi tat-trasport** ☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment ☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq Identifikazzjoni			**I.16**	**Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**	
					I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip Pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali	Kodiċi Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	☐ Ambjentali	☐ Imkessaħ	☐ Iffriżat		
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur		Nru tas-siġill			
	I.20	**Iċċertifikat bħala jew għal** ☐ Żamma ulterjuri					
	I.21			**I.22**	**☐Għas-suq intern**		
				I.23			
	I.24			**I.25**	**Kwantità totali**	**I.26**	
	I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**					
	Kodiċi NM	Speċi	Sottospeċi/Kategorija	Sess	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Età Kwantità

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat ENTRY-EVENTS**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-saħħa

II.a	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b**	**Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas- saħħa pubblika

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-ungulati deskritti fil-Parti I:

II.2.1. huma [annimali bovini,] [1] [annimali ovini,] [1][annimali kaprini,] [1] li oriġinaw mill-Unjoni u ġew imċaqilqa fi ___/___/____ (dd/mm/yyyy)[2] biex jipparteċipaw f'avveniment, f'eżibizzjonijiet, f'wirjiet u f'shows li saret fi stabbiliment:

— li jinsab fiż-żona bil-kodiċi: __ __ - __[3][4] li, fid-data tad-dispaċċ tal-annimali mill-Unjoni kien awtorizzat għad-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet ta' annimali ta' dik il-konsenja u elenkati fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 skont dan;

— li jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli għat-twettiq tal-operazzjonijiet ta' assemblaġġ tal-ungulati stabbiliti fl-Artikolu 20(2)(b) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;

— li, għat-tul kollu tal-avveniment, żamm biss annimali bovini, ovini jew kaprini li kienu konformi mar-rekwiżiti rilevanti kollha għad-dħul fl-Unjoni previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mal-wasla fl-istabbiliment;

II.2.2. intbagħtu direttament mill-istabbiliment tal-oriġini tagħhom fl-Unjoni lejn l-istabbiliment imsemmi fil-punt II.2.1 mingħajr ma għaddew minn xi stabbiliment ieħor jew minn kwalunkwe pajjiż jew territorju terz ieħor;

II.2.3. jitgħabbew sabiex jintbagħtu direttament lejn l-Unjoni fi ___/___/____ (dd/mm/yyyy)[5] f'mezz ta' trasport li jkun tnaddaf u ġie diżinfettat qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju u li jkun inbena b'tali mod li:

(i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;
(ii) ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali;
(iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, mifrex jew għalf tal-annimali.

II.2.4. ikunu ġew soġġetti għal spezzjoni klinika, imwettqa minn veterinarju uffiċjali fil-pajjiż terz jew fit-territorju tal-oriġini f'perjodu ta' 24 siegħa qabel jitgħabbew sabiex jintbagħtu lejn l-Unjoni, li ma jkun ra ebda sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti;

II.2.5. ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali oħra bi status tas-saħħa inferjuri mill-mument tat-tagħbija għad-dispaċċ mill-Unjoni lejn l-istabbiliment imsemmi fil-punt II.2.1 u għat-tul kollu tal-avveniment sat-tagħbija għad-dispaċċ lejn l-Unjoni.

Noti:

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti ungulati li joriġinaw mill-Unjoni, li jiġu mċaqilqa lejn pajjiż terz jew territorju biex jipparteċipaw f'avvenimenti, f'eżibizzjonijiet, f'wirjiet u f'shows u li mbagħad jiġu mċaqilqa lura lejn l-Unjoni. Dan iċ-ċertifikat huwa disponibbli biss għal pajjiżi, territorji jew żoni terzi tagħhom bl-annotazzjoni "EVENTS" fil-Parti 1, il-kolonna 7, tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-iskop ta' dan iċ-ċertifikat, ir-referenzi għall-Unjoni f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat ENTRY-EVENTS**

Parti I:

Kaxxa bir-referenza I.27: *"Sistema ta' identifikazzjoni u numru ta' identifikazzjoni":* Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġ, transponder, eċċ., mil-lista fl-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035) u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni individwali tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat (UE)2020/692.

Parti II:

(1) Żomm kif xieraq.

(2) Data tat-tagħbija mill-Unjoni: ma tistax tkun data qabel id-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona għad-dħul fl-Unjoni, jew data f'perjodu meta jkunu ġew adottati miżuri ta' restrizzjoni mill-Unjoni kontra d-dħul ta' dawn l-annimali minn din iż-żona. Ma tistax tkun qabel id-data tal-approvazzjoni tal-avveniment li għalih l-ungulat ikun qed jiġi ttrasportat.

(3) Il-kodiċi taż-żona kif jidher fil-Kolonna 2 tal-Parti I tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(4) Għaż-żoni biss tal-entrata EVENTS fil-Kolonna 7 tal-Parti I tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(5) Data tad-dispaċċ għar-ritorn lejn l-Unjoni: il-perjodu bejn din id-data u d-data tat-tagħbija għad-dispaċċ mill-Unjoni ma jistax jaqbeż 15-il ġurnata.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma"

ANNESS II

L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huwa emendat kif ġej:

1. Il-Parti 1 hija emendata kif ġejja:

(i) l-entrati tar-Renju Unit u ta' Guernsey huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-1	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1] u maħsuba għall-iskarnar	BOV-X, BOV-Y		BRU, EBL, EVENTS			
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1] u maħsuba għall-iskarnar	OV/CAP-X, OV/CAP-Y		BRU, EVENTS			
		Annimali Porċini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1] u maħsuba għall-iskarnar	SUI-X, SUI-Y		ADV			
		Annimali kamelidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1]	CAM-CER					
		Annimali ċervidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1]	CAM-CER					
		Ungulati oħrajn	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1]	RUM, RHINO, HIPPO					
	GB-2	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1] u maħsuba għall-iskarnar	BOV-X, BOV-Y		TB, BRU, EBL, EVENTS			
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1] u maħsuba għall-iskarnar	OV/CAP-X, OV/CAP-Y		BRU, EVENTS			
		Annimali Porċini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1] u maħsuba għall-iskarnar	SUI-X, SUI-Y		ADV			
		Annimali kamelidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1]	CAM-CER					
		Annimali ċervidi	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1]	CAM-CER					
		Ungulati oħrajn	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1]	RUM, RHINO, HIPPO					

GG Guernsey	GG-0	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1] u maħsuba għall-iskarnar	BOV-X, BOV-Y		EVENTS			
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1]	OV/CAP-X		BRU, EVENTS			
		Annimali Porċini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1]	SUI-X		ADV			
		Ungulati oħrajn	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1]	RUM, RHINO, HIPPO”					

(ii) l-entrata għall-Isle of Man hija sostitwita b'dan li ġej:

“**IM** Isle of Man	IM-0	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1] u maħsuba għall-iskarnar	BOV-X, BOV-Y		TB, BRU, EBL, EVENTS			
		Annimali ovini u kaprini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1] u maħsuba għall-iskarnar	OV/CAP-X, OV/CAP-Y		BRU, EVENTS”			

(iii) l-entrata għal Jersey hija sostitwita b'dan li ġej:

“**JE** Jersey	JE-0	Annimali bovini	Annimali għaż-żamma ulterjuri[1] u maħsuba għall-iskarnar	BOV-X, BOV-Y		EBL, EVENTS’			

2. fil-Parti 4, l-entrata li ġejja tiżdied wara l-entrata għall-garanzija tas-saħħa tal-annimali “ADV”:

“EVENTS	Il-konsenji ta' annimali bovini, ovini jew kaprini li joriġinaw fl-Unjoni, li jiġu mċaqilqa lejn iż-żona msemmija fil-Kolonna 2 tal-Parti 1 ta' dan l-Anness għall-parteċipazzjoni tagħhom f'avvenimenti, f'eżibizzjonijiet, f'wirjiet u f'shows u li mbagħad jiġu mċaqilqa lura lejn l-Unjoni għandhom ikunu permessi jidħlu fl-Unjoni sakemm ikunu akkumpanjati mill-mudell taċ-ċertifikat “ENTRY-EVENTS” stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/403 (*).

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/403 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u l-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti bejn l-Istati Membri ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali terrestri u tal-prodotti ġerminali tagħhom, iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali fir-rigward ta' tali ċertifikati u li jħassar id-Deċiżjoni 2010/470/UE (ĠU L 113, 31.3.2021, p. 1).”.